MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Numru. 578/2013

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**Fako Keita**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Fako Keita ta' tnejn u ghoxrin sena (22) sena iben Maika u Giuta u imwieled il-Mali fl-1 ta' Jannar 1991, detentur ta' numru moghti mill-Pulizija 08B-022, talli f'data mhux maghrufa fi Frar 2011 bhala persuna illi imbarka jew zbarka minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjali Principali ta' l-Imigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-

Imigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja w iddikjara li huwa hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza u in partikolari l-fatt li l-imputat gja ghamel perjodu ta' tmintax-il (18) xahar detenzjoni hawn Malta meta originarjament kien dahal fil-pajjiz kif ukoll sitt (6) xhur habs l-Olanda meta nqabad hemmhekk minghajr dokumenti;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija kif ukoll il-fatt li l-imputat gja ghamel perjodu ta' zmien detenut, anki in konnessjoni mar-reat li tieghu qed jigi akkuzat fejn inzamm il-habs gewwa l-Olanda ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur sakemm inbaghat lura Malta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' dan it-terminu ta' prigunerija, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' sitt (6) xhur prigunerija ghal perijodu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------